



# Bijografija Arċisqof Mons. Emmanuel Gerada

**Tagħrif miġbur minn Ġurnali Diversi**

Għal ħafna snin Mons. Gerada ta s-servizz tiegħu fis-Santa Sede, sakemm fit-18 ta' Ġunju 1967 kien ikkonsagrat Isqof ta' Nomentum mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u appuntat bħala l-awżiljarju tiegħu. Sena wara, Mons. Gerada kien appuntat Ko-adjutur Arċisqof ta' Malta.



Arcisqof Mons. Emmanuel Gerada

Imwieled iż-Żejtun, fit-18 ta' Mejju, 1920, Mons. Gerada studja fil-Liċeo, fis-Seminarju u fir-Royal University of Malta, minn fejn fl-1939 kiseb il-BA u ngħata l-Liċenzjat fit-Teoloġija fl-1946. Kien ordnat saċerdot mill-Isqof Emmanuel Galea fl-1 ta' Awwissu 1943, jiġifieri fl-eqqel tal-gwerra, u fl-1944 kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ Universitarju ta' Nottingham, fl-Ingilterra.



Mons. Gerada kiseb id-Dottorat fil-Liġi Kanonika mill-Università Gregorjana fl-1952 u beda kors li kien iwassal għas-servizz diplomatiku mas-Santa Sede fl-Akkademja Pontificja f'Ruma. Aktar tard kien appuntat 'attachè' fin-Nunzjatura Appostolika fl-Eġittu.

Wara li għal xi żmien serva fin-Nunzjatura Appostolika fl-Indja, fl-1956 huwa ħa postu bħala Segretarju fin-Nunzjatura f'Dublin, fl-Irlanda, u mal-mewt tan-Nunzju ta' hemm ħa f'idejh ix-xogħol ta' 'charge d'affaires'. L-appuntament li kien imiss ħadu f'Tokjo fejn bejn is-snin 1960-64 kien awditur tan-Nunzjatura u 'charge d'affaries' f'dak il-pajjiż. Aktar tard intbagħat jagħmel parti mid-delegazzjoni appostolika fil-Messiku.

Fl-1965 huwa ntbagħat f'Kigali, fir-Rwanda, fejn kien appuntat Kunsillier tan-Nunzjatura u Prelat mill-Papa Pawlu VI u aktar tard 'charge d'affaires' fl-istess pajjiż.

Mingħajr dubju, Mons. Gerada jibqa' magħruf għas-sehem li kellu fis-snin sittin bħala medjatur fil-kwistjoni politiko-reliġjuża bejn il-Knisja f'Malta u l-Partit Laburista Malti, li fil-Ġimgħa l-Kbira tal-1969, spiċċa bl-iffirmar ta' ftehim bejn iż-żewġ naħat.

Aktar tard, fl-1973, huwa kompla xogħlu fil-Korp Diplomatiku tas-Santa Sede, fejn fost oħrajn kien Nunzju Apostoliku fil-Pakistan u l-Irlanda. Fl-1995 huwa rtira f'Malta.

Fatt kurjuż u li tiegħu Mons. Gerada kien kburi ħafna kien il-fatt li hu twieled fl-istess ġurnata u sena tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

## L-Arranġament tal-Funeral

Nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2011, fl-4pm il-funeral telaq mill-Isptar Mater Dei għall-parroċċa taż-Żejtun, fejn kien joqgħod l-Arċisqof Gerada. Fl-4.30pm il-korteo funebri wasal f'Misraħ Karlu Diacono minn fejn beda korteo mill-kleru, għaqdiet reliġjużi u soċjali sal-Oratorju (ħdejn il-Knisja Parrokkjali) fejn sar talb b'sufraġju għal ruħu u wara tqiegħed għall-qima tal-pubbliku sat-8pm.

It-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2011, l-Oratorju reġa' fetaħ fis-7.30am sal-10am. Fl-10.30am il-funeral telaq mill-Oratorju għall-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt, fejn tqiegħed għall-qima tal-pubbliku sas-2.30pm.

Fit-3pm l-Arċisqof Pawlu Cremona OP mexxa quddiesa konċelebrata b'sufraġju għal ruħ Mons. Gerada. Imbagħad, il-korteo kompla f'forma privata saċ-ċimiterju ta' San Girgor, iż-Żejtun, fejn saret id-difna fil-qabar tal-familja.



Il-funeral jasal fil-pjazza quddiem il-Każin Banda Żejtun



Il-Banda Żejtun takkumpanja il-korteo funebri